MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1135/2009

**Anthony Piscopo**

**-vs-**

**Ruth Theuma**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Anthony Piscopo fid-19 ta' Novembru 2009 fejn permezz tiegħu ppremetta:

Illi fil-ħamsa (5) t'Awissu 2009 ġewwa Triq V. Vassallo, Attard seħħ inċident awtomobilistiku waqt li bin ir-rikorrent, ċjoe' Warren Piscopo, kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Audi TT bin-numru ta' reġistrazzjoni TTS-288 proprjeta' tar-rikorrent fl-istess triq, meta ibnu Warren kien ġej mid-direzzjoni ta' Triq il-Pitkali sejjer lejn l-Isptar Monte Carmeli;

Illi ġara' illi l-intimata, waqt li kienet qed issuq vettura tal-marka Peugeot 106 numru ta' reġistrazzjoni BAF-567 għamlet manuvra straordinarja ħalli minn Triq V. Vassallo taċċedi għal *side road,* u ċjoe' fi Triq Dorga, Attard u dana mingħajr ma hi eżerċitat *a proper look out* skond il-liġi għal vetturi li kienu ġejjin mill-karreġġjata opposta, u dan avolja kellha viżwali sħiħa tat-triq *de quo* u qasmet it-triq u l-karreġġjata opposta b'riżultat li l-intimata daħlet fil-vettura proprjeta' tar-rikorrenti misjuqa minn ibnu, liema vettura dak il-ħin kienet *main road user* u kienet għaddejja fil-karreġġjata tagħha;

Illi b'riżultat ta' dana l-inċident il-karozza tar-rikorrenti ġiet iċċertifikata bħala *beyond economical repair* hekk kif jirriżulta mid-dokument B anness;

Illi l-imsemmi nċident seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimata;

Illi b'riżultat tal-istess inċident, l-attriċi ġarrbet ħsarat konsiderevoli fil-vettura tagħha tant li dina l-istess karozza ġiet dikjarata *beyond economical repair*;

Illi l-intimata ġiet interpellata sabiex tħallas d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' dan l-inċident pero' din baqgħet inadempjenti.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimata kienet unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-ħamsa (5) t'Awissu 2009, u għad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess inċident ġarrab ir-rikorrent fil-vettura tiegħu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-istess inċident, u dan anke okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk kif illikwidata *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata ________ *(sic)* u bl-imgħax legali kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Ruth Theuma ppreżentata minnha fid-9 ta' Diċembru 2009, fejn eċċepiet:

Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeċiedi l-kwistjoni odjerna li hija *'ex admissis'* naxxenti minn inċident awtomobilistiku u li kwindi skond ir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta) għandha tiġi sottomessa għall-arbitraġġ;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet li ser isegwu, l-esponenti ma jaħtix għall-inċident mertu tal-kawza odjerna, u għaldaqstant mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe ħsara u / jew danni sofferti mir-rikorrenti;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet li ser isegwu, ir-rikorrenti għandu jagħti prova illi effettivament sofra d-danni reklamati minnu u wkoll provi dwar l-ammont li skont hu għandu jiġi likwidat favorih;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet li ser isegwu, l-esponenti m'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti;

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Jannar 2010 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta nnominat lill-Avukat Dottor Marco Ciliberti bħala Perit Legali, liema nkarigu ġie sussegwentement revokat b’digriet tas-27 t’Ottubru 2011;

Rat l-atti proċesswali, inkluż il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit Legali msemmi, kif ukoll dawk quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mifsud Bonnici li ġiet nominata biex tikkonkludi l-ġbir tal-provi;

Illi żammet aċċess fuq il-lok tal-inċident fit-3 ta’ Ġunju 2013;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ġunju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża fejn qed jiġu reklamati mill-attur danni kawżati mill-inċident stradali msemmi. Il-Qorti allura trid l-ewwel tiddeċiedi dwar ir-responsabbilta’ għall-kolliżjoni u wara tillikwida d-danni.

**RESPONSABBILTA’ GĦALL- INĊIDENT**

Il-Qorti ma tara ebda problema dwar ir-responsabbilta’ tal-inċident. Huwa evidenti li l-konvenuta li kellha l-intenzjoni li taċċedi għal ġo triq sekondarja, ma żammitx il-*proper look out* li kellha obbligu żżomm biex tagħmel dik il-manuvra. Il-kontendenti kienu qed isuqu f’direzzjonijiet opposti iżda filwaqt li l-attur ried jibqa’ għaddej fi Triq Vassallo li hija indubbjament it-triq prinċipali, il-konvenuta *ex admissis* riedet taqsam mill-parti li kien għaddej l-attur. Fid-dikjarazzjoni tagħha lill-uffiċjal tal-Pulizija nkarigat biex jirrediġi r-rapport (a fol 4 tal-proċess) l-istess konvenuta tgħid:

*"Kont ġejja minn Triq V. Vassallo direzzjoni ġejja min-naħa tal-Ivory and Co. ħa ndur għal Triq id-Dorga; waqaft, kont wieqfa bl-indicator; ħarist ma rajt lil ħadd, soqt u fis-siegħa u l-ħin ġiet karozza (TTS288) u ħabtet ġo fija bis-saħħa."*

Illi anke mill-affidavit tal-konvenuta jirriżulta li hija kienet ġja' bdiet il-manuvra tagħha biex tikser lejn il-lemin tagħha; infatti tgħid illi: *"l-indicator xgħeltu qabel ma bdejt il-manuvra tiegħi."*

Illi għandu jingħad li f'kolliżjonijiet simili, il-Qrati tagħna ġieli ċċitaw insenjament ta' **Mazengerb** fejn jingħad li:

*"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal in the circumstances. If a driver turns out across the line of traffic after giving the usual signal he acts negligently unless he has at least reasonable ground besides the pure fact of his warning of believing that he can cut across without endangering approaching traffic."* (**On Negligence on the Highway**, paġna 329 *et sequitur).*

Illi dan kollu fil-fatt ma huwa xejn ħlief estensjoni tar-regola ġenerali ta' *proper look out* li jrid iżomm is-sewwieq. L-artikolu 88 tal-**Highway Code** jgħid:

*"Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of the following traffic. Signal your intention and when safe to do so, take the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn."*

Illi skond l-awtur ***Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases****,* paġna 85:

*"A motorist has a right to turn his car on the highway unless prohibited by some regulation. In so doing however he must have regard for the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if*

*he turns his car to the right across the path of any approaching vehicle ... making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision ... the act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care.*

*The driver's duty is not confined to making signals, he must see so far as he can that they have been understood."* Dan il-prinċipju hu bażi tad-duttrina (ara **Gibb**, *section 101* u s-sentenza **"J. Debattista vs Caruana"**, deċiża fil-11 ta' Diċembru 1972).

Illi min joħroġ l-*indiactor* ikun qed jagħti kif hu obbligat, avviż lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax sempliċement għaliex ħareġ l-*indicator*, jagħmel li jrid, jikser il-priorita' li jagħtu r-regolamenti u jaqleb ir-*rule of the road* favur tiegħu. (Sentenza riportata fil-**Volum 37, ir-raba parti, paġna 868**).

Illi l-Qorti tissottolinea wkoll li l-konvenuta kellha viżwali altru milli suffiċjenti biex tara lill-konvenut ġej; mill-aċċess li żammet l-istess Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenuta kemm-il darba (fl-affidavit u fil-kontro-eżami) baqgħet tinsisti li ma ratx lill-attur ġej u ndunat bih malli ħasset id-daqqa fuq il-vettura tagħha.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Farrugia vs Ripard"** (deċiża fil-15 ta' Frar 1974): *"Meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq b'karozza, dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta beda jaqsam iżda anke sakemm jaqsam għal kollox."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi l-konvenuta tagħmel ukoll enfasi fuq il-fatt li l-attur kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva. Dan hu aktar minn probabbli. Madankollu l-veloċita' eċċessiva ma kienitx il-kawża prossima tal-inċident. Il-kawża prossima kienet l-azzjoni tal-konvenuta li ma tatx każ jekk kienx ġej traffiku minn quddiemha għaliex huwa evidenti li kieku tat każ lill-attur, kienet tarah ġej u ma kenitx tagħmel il-manuvra li għamlet.

Illi l-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċita' eċċessiva jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, huwa ma għandux jinsab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' *purche'* l-i*speed* tiegħu ma jkunx dak li jissejjaħ sfrenat (ara sentenza fl-ismijiet **"S. Mizzi vs J. Grech"**, deċiża mill-Prim' Awla fit-23 ta' Marzu 1972). Dwar dan il-punt il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-istess Prim' Awla tat-23 ta' Marzu 1993 fl-ismijiet **"Anna Stanley vs Alan Zahra"**.

**DANNI**

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jiġi deċiż l-ammont ta' danni li għandhom jiġu akkordati lill-attur in segwitu għall-inċident stradali msemmi.

Illi lanqas din il-kwistjoni ma tipproponi xi problema għaliex huwa evidenti mid-dokument EZL, a fol 21, tal-proċess illi l-vettura tal-attur giet danneġġjata *beyond eċonomic repair.* Il-valur tagħha qabel ġara l-inċident kien stmat ta' wieħed u għoxrin elf Ewro (€21,000) u l-hekk imsejjah *wreck value* kien stmat ta' tliet elef u tmien mitt Ewro (€3,800). Għalhekk l-attur jistħoqqlu jieħu sbatax-il elf u mitejn Ewro (€17,200). L-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mil-lum billi t-talba kienet għal danni *da liquidarsi*.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għall-motivi msemmija l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-5 t'Awissu 2009 u għad-danni li l-attur ġarrab fil-vettura tiegħu;**

**2. Tillikwida s-somma ta' sbatax-il elf u mitejn Ewro (€17,200) bħala danni;**

**3. Tordna lill-konvenuta tħallas l-ammont hekk likwidat lill-attur. L-imgħaxijiet legali jibdew jiddekorru mil-lum stess.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------